**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA TAT-28 ta' Gunju, 2001**.

Citazzjoni Numru 2106/00GC

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**Vs.**

**Tony Busuttil**

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:-

Illi il-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn u tnejn u sittin lira Maltin (Lm2062) ta' "air-conditioners" lilhu mibjugha u konsenjati skond l-"acknowledgements of order numru B.E.l8, B.E.l67 u B.E.l68 hawn esebiti (Dok.A sa C);

Illi ghalkemm interpellat biex ihallas, il-konvenut baqa inadempjenti;

Illi dan il-kreditu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghanddux ebda eccezzjonijiet x'jaghti ghat-talbiet attrici (Vide affidavit Dok D);

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:-

1. Tghaddi biex taqta u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikoli l67-l7l tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma fuq riferita ta' elfejn u tnejn u sittin lira maltin (Lm2062) dovut kif fuq spjegat;

Bl-imghax kummercjali u bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat d-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta attrici u n-nota tax-xhieda taghha;

Rat li ic-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u naqas milli jidher ghas-smiegh tal-kawza u hekk baqa kontumaci;

Ikkonsidrat il-provi prodotti mis-socjeta attrici;

Semghet lill-Avukat tas-socjeta attrici;

Billi mill-provi mhux kontradetti it-talbiet attrici jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa it-talbiet attrici bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjes kontra il-konvenut.

Imhallef

Dep. Registratur